MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 421/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Dicembru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003), (Dok A) u frott ta' dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal;

Illi l-attrici meta zzewget kienet single mother b'tifla minuri;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba swat, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi kontrieha da parti ta' l-istess zewgha, minhabba abbandun, u kif ukoll illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet awtorizazzjoni mehtiega permezz ta' digriet numru datat
li kopja tieghu qed tigi annessa u markata bhala Dok B;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. M'ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi A u B minhabba swat, sevizzi, minacci, ingurji gravi li l-konvenut ikkometta fil-konfront ta' martu l-attrici, minhabba abbandun, u oltre li z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment;

2. m'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 50, u 51 tal-Kodici Civili, in toto jew in parte;

3. m'ghandhiex tigi dikjarata xolta l-komunjoni ta' akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, occorrendo b'opera ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fl-istess att.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine pprezentata fl-20 ta' Frar, 2006 li permezz taghha eccepew;

1. Illi b'digriet tal-Qorti, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti B.

2. Illi huma m’ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits ta’ l-attrici, u ta’ omississ.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’Gunju, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza ftit fiha x’wiehed jghid – l-attrici qed titlob dikjarazzjoni ta’ separazzjoni minn zewgha illi abbandunaha cirka xahrejn wara z-zwieg. Ma hemm xejn x’wiehed jillikwida ghaliex il-partijiet ma xtraw xejn u akkwistaw xejn. L-attrici ghandha tifla izda minn relazzjoni precedenti. Il-konvenut nomine ma setax ma jaghmel kuntatt mal-konvenut li x’aktarx telaq minn Malta u hadd ma jaf x’sar minnu.

**Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi;**

**1. tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet b’tort tal-konvenut;**

**2. tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kapitolu 16 u tiddikjara li l-konvenut abbanduna lill-attrici b’effett mill-1 ta’ Settembru, 2003;**

**3. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba billi ma hemmx assi fil-komunjoni tal-akkwisti.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut izda l-attrici ghandha thallas provizorjament l-ispejjes u drittijiet tal-kuraturi deputati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------